KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 02/8/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 02

*L-Erbgħa 7 ta' Awwissu 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 7 ta' Awissu 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros - *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri - *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Steven Axisa talab sabiex ikun meqjus assenti fid-dawl li huwa imsiefer. Il-membri approvaw.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 01 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra b'suġġeriment sabiex meta jkun hemm iċ-ċans tissemma triq għall-isportiv Armando Buttigieg. Il-membri ħadu nota ta' dan is-suġġeriment.

3.2. Talba għar-rifużjoni ta' ħlas wara li vettura ġarrbet ħsarat minħabba ħofra li kien hemm fi Triq Żabbar. Il-membri approvaw il-ħlas wara li evalwaw id-dokumenti kollha ppreżentati.

3.3. Ittra mingħand l-Av. Jonathan Attard b'referenza għall-każ ta' parkeġġ fi Triq Nazzareno. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kienet Transport Malta li għamlet it-tibdil kif nnotat fl-ittra u għaldaqstant il-membri qablu li din l-ittra għanda titwassal lil Transport Malta.

3.4. Ittra mingħand l-Av. Byron Camilleri fejn qiegħed jinforma lil Kunsill illi l-ittra uffiċjali 166A fil-konfront tal-kuntrattur Elton Zammit ma ġietx opponuta u għaldaqstant din tkun tikkostitwixxi titolu Eżekuttiv. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri l-ġodda tal-Kunsill bil-fatti ta' dan il-każ, il-membri qablu li jimxu fuq il-parir tal-Avukat billi jipproċedi bil-mandati skond il-liġi.

## 4. Permessi Festa Kristu Re

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi wara li ġara fil-festa ta' din is-sena ikun għaqli li dan is-suġġett jiġi diskuss u fost l-oħrajn irid jinstab post ġdid għall-gabbani bi qbil ma kulħadd. Is-Sindku żied li għandu jiġi ċċarat li kien il-Kunsill preċedenti li

kien qabel illi kull min kien qiegħed jarma fil-pjazza kellu josserva numru ta' kundizzjonijiet kif maqbula fil-Kunsill. Kompla li kien qed jagħmel referenza għal dan wara li din is-sena sar ħafna abbuż ta' dawn ir-regolamenti u intilef il-kontroll. Għaldaqstant il-membri qablu li għandom isiru diskussjonijiet mal-għaqdiet li jorganizzaw il-festa sabiex dawn il-punti ikunu diskussi wkoll magħhom.

## 5. Skemi-Dipartiment għall-Gvern Lokali

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienu iddaħħlu l-applikazzjonijiet għall-iskemi tad-drip irrigation, għall-investiment fil-librerija kif ukoll għall-ħarsien tal-annimali.

5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsill kien ingħata ammont ta' flus b'risq iż-żamma tal-proġett tal-Pjazza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, liema fondi ser jintefqu f'tindif speċjali għall-pjazza, sabiex issir żamma aħjar tal-pjanti u iż-żamma tal-funtani tal-pjazza. B'referenza għal dan is-suġġett is-Segretarju Eżekuttiv qal li fid-dawl tal-proġett tal-pjazza hemm bżonn li isir aktar tindif speċjali li jinkludi tbattil ta' bins bi skart separat u tindif u ħasil tal-pjazza u ġnien il-Mediterran. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li sargħet laqgħa mal-kuntrattur fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsillier Camilleri fejn ġiet diskussa il-possibilità li isir dan ix-xogħol għall-ħlas ta' €20,000 fis-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li l-Kuntratt eżistenti jgħid illi l-Kuntrattur jista' jitħallas għall-xogħol oltre mill-kuntratt fid-dawl tal-proġett tal-Pjazza liema klawsola ġiet ukoll diskussa mad-Dipartiment li aċċerta li dan il-ħlas jista' isir. Għaldaqstant il-membri qablu li isir addendum għall-kuntratt eżistenti li jkun jammonta għall-€20,000. Hawnhekk is-Sindku qal li f'din l-istess laqgħa li għamel referenza għaliha is-Segretarju Eżekuttiv, sar ukoll tibdil fir-rotot tal-knis kif ssuġġerit mill-*Contracts Manager*.

5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kienet ukoll ħarġet l-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi fejn il-Kunsill irid jagħżel post li jkun jixtieq li jiġi restawrat. Is-Sindku qal li għal din l-iskema hemm baġit ta' madwar €50,000 li irid jitqassam fost xi kunsilli. Qabel jiġi diskuss il-post innifsu li ser jintażel mill-Kunsill, is-Sindku xtaq jiċċara dwar stqarrija li ra fuq facebook li kienet tgħid li sargħet xi laqgħa dwar din l-iskema ma' rappreżentant tal-Kunsill u infatti kompla billi qal li talab lis-Segretarju Eżekuttiv jistaqsi bil-miktub lil Ministeru għall-Ġustizzja u l-Gvern Lokali x'kien l-eżitu ta' din il-laqgħa hekk kif jidher li l-Kunsill ma kienx infurmat b'din il-laqgħa. Hawnhekk is-Sindku talab lis-Segretarju jinforma lil membri bir-risposta tal-Ministeru kif annessa ma dawn il-minuti. Is-Sindku kompla li fid-dawl li r-risposta kienet tgħid li attenda l-Viċi Sindku u terzi persuni oħra meta l-Kunsilliera responsabbli hija l-Kunsilliera Arqueros, talab lil Viċi Sindku sabiex jagħti spjega ta' dak li seħħ. Il-Viċi

Sindku qal li din kienet laqgħa informali fejn huwa attenda b'mod personali wara li kien imħeġġeġ jagħmel dan minn terzi persuni li kienu qed jorganizzaw il-laqgħa. Huwa kompla li kien attenda sabiex jara jekk hux possibbli li jingiebu fondi b'risq il-lokalita. Il-Viċi Sindku kompla li huwa kien ukoll ċempel lil Kunsilliera Arqueros sabiex jinfurma b'dan. Is-Sindku irrisponda li laqgħat organizzati b'mod personali minn terzi persuni m'hux ser jiġu aċċettati u m'għandhomx isiru b'dan il-mod meta dawn ma jkunux approvati mill-Kunsill għax dan jista' ifixkel lil Kunsill u mhux jgħin lil Kunsill. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros qalgħet li l-laqgħa kienet ilha skedata u infurmat lil Kappillan li meta tkun qed taġixxi f'isem il-Kunsill, il-Kunsill irid dejjem ikun infurmat.

Dwar din l-iskema il-Kunsilliera Arqueros iċċarat illi m'huwa qatt possibbli li isir restawr tal-Knisja ta' St. Ubaldeska b'dan il-fond li huwa tassew limitat. Madanakollu kompliet li ser tuża mezzi oħra sabiex tara jekk jinsabux fondi oħra għal dan il-għan. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi kienet sargħet laqgħa mal-Konsulent tal-Kunsill Dr. Malcolm Borg dwar din l-iskema fil-preżenza tal-Kunsilliera Arqueros u tas-Sindku liema dettalji ta' din il-laqgħa qed ikunu wkoll annessi mal-minuti. Wara li iddiskutew fid-dettall dan is-suġġett, il-membri qablu li issir applikazzjoni għar-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Triq tal-Borg u ta' San Guzepp fi Triq il-Ġdida.

## 6. ***Small Grant Scheme-Norway Grants***

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet sargħet laqgħa għas-Segretarji Eżekuttivi ta' numru ta' Kunsilli Lokali li ġew magħżula sabiex japplikaw għall-fondi tan-*Norway Grants* sabiex iwettqu proġetti fil-lokalitajiet tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla illi l-Kunsill jista' jibbenefika mill-ammont massimu ta' €100,000. L-iskema tagħti sa 85% tal-proġett filwaqt li 90% tal-15% l-oħra jistgħu wkoll mbagħad jiġu rikoverati mill-skema ta' ko-finanzjament tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Wara diskussjoni il-membri qablu li jibda isir ix-xogħol sabiex titħejja applikazzjoni sabiex b'dan il-fond isir proġett marbut ma trasport fil-komunità għall-anzjani u persuni b'diżabilità.

## 7. **Offerti**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ser jibda ix-xogħol fuq l-offerta tal-vertical Garden iffinanzjat bl-iskema tal-*Urban Greening* tal-Ministeru għall-Ambjent. Il-membri approvaw li toħroġ l-offerta bil-valur ikun ta' €30,000.

7.2. Il-membri approvaw ukoll li joħorġu sejħiet għall-offerti għas-servizzi ta' Perit bil-valur ikun €50,000 kif ukoll li toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-xogħol ta' manutenzjoni tal-pjanti u s-siġar tal-Pjazza Antoine De Paule b'massimu ta' €10,000.

## 8. Quaterly Report

8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri il-konklużjonijiet tar-rapporti finanzjarji ta' kull kwart, liema rapporti ġew approvati mill-membri preżenti.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lil membri illi kien irċieva bosta suġġerimenti sabiex Triq Britanja tiġi one-way u xtaq li din ix-xewqa tar-residenti titressaq għand Transport Malta għall-ħsibijiet tagħhom. Il-membri qablu.

9.2. Is-Sindku informa lil membri illi ġie ikkuntatjat minn Sport Malta sabiex issir attività ta' sport u saħħa fil-lokalita ta' Paola. Huwa kompla li għanda issir laqgħa magħhom u għal din il-laqgħa talab li jattendi miegħu il-Viċi Sindku li huwa responsabbli mill-Sports.

9.3. Is-Sindku informa lil membri illi ser ikompli l-proġett ta' kawżi ġusti li telaq miċ-Ċentru Anzjanità Attiva fejn parti mill-biljetti tal-attivitajiet tmur għall-dan il-fond li umbagħad jitqassam lill-entitajiet li jkollhom bżonn. Is-Sindku informa lill-membri li l-ewwel attività għall-din il-leġislatura ser tkun BBQ u żjara għall-festa tal-Mellieħa. Huwa kompla billi ippropona lill-membri sabiex bħal ma sar fil-leġislatura preċedenti, il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-trasport ta' kull attività li tiġi organizzata b'risq dan il-fond. Il-membri qablu.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros issuġġeriet lill-membri sabiex għall-Malta Gay Pride ta' Settembru il-Kunsill jorganizza xi inizjattivi għall-din l-attività. Il-membri iddiskutew dan is-suġġett u qablu li issir taħdita fuq is-suġġett, jiġi organizzat trasport għal-attività tal-Malta Pride fil-Belt Valletta kif ukoll isiru pelican crossings bil-kuluri tal-qawsalla.

10.2. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros infurmat lill-membri li ser tibda proċess sabiex flimkien mas-Sindku tiltaqa kemm mal-Imam kif ukoll mal-persuni li jieħdu ħsieb qtates abbandunati fil-lokalita.

10.3. Il-Kunsilliera Arqueros talbet lill-Viċi Sindku, li huwa responsabbli mit-Turiżmu, sabiex jara kif jista' isir żvilupp tat-tabelli ta' informazzjoni għat-turisti li jkunu qegħdin l-Ipoġew li umbagħad iwassalhom sal-Pjazza u postijiet oħra interessanti. Il-membri iddiskutew ukoll il-ħtieġa li issir information Booth għat-turisti fil-Pjazza.

10.4. Il-Kunsillier Ivan Bartolo staqsa dwar l-*unloading bay* approvat ta' ħanut fi Triq Bormla li għada ma saritx. Is-Sindku irrisponda li qed jaħdem fuq dan il-każ però żied illi ma jistax ikun li l-Awtorità tibqa tagħti l-permessi għat-detriment tal-parkeġġ tar-residenti filwaqt li tirrifjuta wkoll talbiet għal skemi ta' parkeġġ tar-residenti.

10.5. Il-Kunsillier Ivan Bartolo informa lill-membri illi qed jagħmel kuntatt mal-Malta Public Transport sabiex jerġa isir is-servizz li kien jingħata bir-rotta X5 u rotta ta' San Vinċenz kif ukoll staqsa dwar ix-xogħolijiet tat-toroq li jidher li huma weqfin. Is-Sindku ikkonferma li x-xogħolijiet ser jitkomplew fix-xhur li ġejjin fosthom fi Triq Sammat. Dwar it-trasport pubbliku il-Kunsilliera Delezio talbet lill-Kunsillier Bartolo sabiex jara hux possibbli jitneħħew il-magni tal-biljetti tat-trasport pubbliku li mhux jiffunzjonaw.

10.6. Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-tabelli li kienu tneħħew mill-Ġnien Duminku Mintoff hekk kif impjegat tal-Fondazzjoni għaż-żoni turistiċi talab li jerġaw jeħlu dawn it-tabelli. Is-Sindku informa lill-membri illi dawk it-tabelli saru mill-Fondazzjoni għaż-żoni Turistiċi u ġew finanzjati mill-Kunsill u weħlu fil-post wara konsultazzjoni bejn iż-żewġ partijiet umbagħad lejliet il-ftuħ tneħħew mill-istess Fondazzjoni wara li kien hemm tgergir fuq l-istess tabelli. Dwar dan il-ġnien is-Sindku kompla li għadu qed jistenna laqgħa mal-Ministru Konrad Mizzi sabiex jiġi ċċarat kif u min ser jieħu ħsieb dan il-ġnien.

10.7. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar id-dawl taz-*zebra crossing* tal-Pjazza li għadu mhux jaħdem. Is-Sindku irrisponda li dawk ix-xogħolijiet għad iridu isiru mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta.

10.8. Il-Kunsillier Neville Camilleri staqsa dwar kameras li hemm fis-suq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillier illi l-kameras kienu saru għall-latrina u tpoġġiet waħda li turi is-suq mill-bogħod.

## 11. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 02 għas-somma ta' €122,007.16.

11.2. Il-Pagamenti dovuti lill-ELC ġew irtirati fid-dawl tan-nuqqasijiet li hemm fis-servizz u wara li minħabba nuqqas ta’ tisqija mietu bosta pjanti u siġar tal-proġett tal-*Urban Greening*. Għaldaqstant il-membri qablu li isir rapport tal-pjanti li mietu u l-pagament isir wara li jitnaqqsu l-ispejjeż ta’ dawn il-pjanti u siġar.

**12. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 4 ta’ Settembru 2019.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 4 ta’ Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |